# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta tallum it-Tlieta, 28 ta' Gunju 2016**

**Kawza Numru : 9**
**Rikors Guramentat Numru : 249/2016/LSO**

**George Muscat (ID 429749M) u martu Josephine Muscat**

**vs**

**Emilio Agius**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' George u Josephine konjugi Muscat datat 29 ta' Marzu 2016 fejn bir-rispett George Muscat [ID. 429749M] bil-gurament jikkonferma:

Illi huma l-proprjetarji tal-*garage* markat bin-numru erbgha (4) mhux ufficjali fi blokk ta' garaxxijiet u *maisonettes* sovrastanti fi Triq il-Qastan, Marsascala, liema *garage* delineat bl-isfar fuq l-annessa pjanta [Ara Dok. "A" hawn unit] kien ippervjiena ghandhom permezz ta' kuntratt ta' divizjoni tas-sitta ta' Marzu tas-sena elfejn u tlieta (06/03/2003) in atti Nutar Dottor Antoine Agius [Ara Dok. "B" hawn unit].

Illi l-esponenti kienu bnew dan il-*garage* fuq porzjoni ta' art fabrikabbli msejjha Tal-Bidni, Marsascala, li kienu akkwistaw flimkien ma' terzi in forza ta’ kuntratt ta' l-24 ta' Gunju tas-sena elf disa’ mija u sebgha u disghajn (24.06.1997), in atti Nutar Dottor Pierre Cassar [Ara Dok. "C" hawn unit];

Illi l-imsemmi *garage* huwa detenut mill-intimat u dana bla ebda titolu validu fil-ligi, u *nonostante* li l-intimat gie interpellat b'ittra ufficjali [Ara Dok. "D" hawn unit] biex jizgombra u jhalli battal l-istess *garage* huwa baqa' nadempjenti;

Illi dan huwa wiehed mill-kazijiet li huwa kontemplat mill-Artikolu 167(l)(b) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u ghal dan il-ghan ir-rikorrenti jiddikjaraw u jikkonfermaw li fil-fehma taghhom il-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet validi xi jressaq u qieghdin inoltre jikkonfermaw li l-fatti hawn fuq imsemmijin huma a konoxxenza taghhom personalment [Ara Affidavit Dok. "5"].

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha ghar-ragunijiet premessi u prevja kull dikjarazzjoni necessarju u opportuna:-

1. Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smigh a tenur ta' l-Artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili; u

2. Tiddikjara li l-konvenut qieghed jokkupa l-*garage* mmarkat bin-numru erbgha (4) mhux ufficjali fi blokk ta' garaxxijiet u *maisonettes* sovrastanti fi Triq il-Qastan, Marsascala, u dana minghajr l-ebda titolu validu fil-ligi; u

3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex jizgombra mill-imsemmi garaxx fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-2 ta' Frar 2016 kontra l-konvenut minn issa ngunt biex jidher personalment ghas-subizzjoni.

B'rizerva ta' kull azzjoni ohra spettanti lill-esponenti, senjatament dik ta' danni ghall-okkupazzjoni illegali.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-3 ta’ Mejju 2016 b’ ordni lill-intimat biex jidher f’ dik il-gurnata u jwiegbu ghat-talba tar-rikorrenti u fin-nuqqas, il-Qorti tghaddi biex tiddeciedi minnufih ir-rikors billi tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti. Tordna n-notifka tal-avviz tas-smigh tar-rikors lill-partijiet permezz tal-purtier.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta 28 ta' Gunju 2016 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr John Vassallo u Dr Martha Travers Trauss ghall-konvenut prezenti. Deher Dr Henry Antoncich ghall-atturi prezenti.

**Inghatat sentenza:**

Il-Qorti wara li rat it-talbiet u semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Wara li rat l-Art 167 *et seq* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Billi fil-fehma ta' din l-Qorti l-intimat ma rnexxielux juri *prima facie* li ghandu xi titolu skont il-ligi ghal- fond imsemmi, l-Qorti tilqa' t-talbiet, b'dan illi ghandu jizgombra mill-istess garaxx fi zmien tliet xhur mil-lum u jghaddi l-pussess vakanti u c-cwievet tal-istess lir-rikorrenti.

L-ispejjez ghandhom jigu ssopportati mill-intimat.

**Deciza.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**28 ta' Gunju 2016**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**28 ta' Gunju 2016**